**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**SEDUTA DISTRETT HAMRUN**

**Il-Pulizija**
**Spettur John Spiteri**
**vs**
**Tania Attard**

**Illum 5 t'April, 2019**

Il-Qorti;

Rat li Tania Attard detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 295194M.

Akkuzata talli gewwa Triq il-moll tal-Knisja l-Marsa u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, fit-28 ta' Jannar, 2017 fil-hin ta' bejn is-13:30 hrs u 14:00 hrs:

1. F'post pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali u dan bi ksur t'Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi kisret il-provediment ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrat (Malta) mahruga mill-Magistrat Dr. A. Bugeja LL.D., u Dr. N. Galea Sciberras LL.D. nhar it-3 ta' Lulju, 2015 u nhar it-12 ta' Frar, 2016, liema sentenzi huma definittivi.

3. U aktar talli saret recidiva ai termini tal-Artikoli 49, 50 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija lilha mill-Qrati Kriminali (Malta) u li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti tal-kawza.

Semghet l-ammissjoni tal-imputata ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghha u kif registrata quddiem din il-Qorti kif preseduta nhar il-5 t'April, 2019.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputata b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha u tatha zmien xieraq biex jekk trid, tista' terga' lura minnha u fil-fatt hija regghet tenniet l-istess ammissjoni taghha.

Semghet it-trattazzjoni mill-partijiet.

**Ikkunsidrat:**
Il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni ghal dak li jirrigwarda l-piena, l-ammissjoni cara u inekwivoka u bikrija tal-imputata.

**Decide:**
Il-Qorti ghalhekk wara li rat l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata hatja u tikkundannaha ghal hmistax (15)-il gurnata prigunerija.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**